MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 618/2013

**Master Distributors Limited**
**(C 2837)**
**Vs**

**Kurt Mario Bezzina(Id 397488(M) u b' Digriet tat-Tribunal datat 4 ta' Novembru, 2014 giet kjamat fill-kawza Mario Bezzina**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Settembru, 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut ghall-hanut Muffin Food & Candy Store.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra interpelatorja tas-17 ta' April, 2013 u bl-imghax legali mill-25 ta' Novembru, 2011 data tal-konsenja sal-effettiv pagament, kif ukoll bl-ispejjez tal-ittra ufficjali mahruga skont artikolu 166A tal-Kap 12 li ggib in-numru 1072/13, kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Il-konvenut ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michudha bl-ispejjez stante s-segwenti ragunijiet:

1. Qabel ma giet ordnata l-imsemmija merkanzija, kien sar ftehim bejn is-socjeta' rikorrenti u l-esponenti illi dik il-merkanzija li ma tinbieghx tkun tista' tigi rritornata lill-istess socjeta' rikorrenti u jitnaqqas bilanc dovut skond il-prezz tal-merkanzija rritornata;
2. Matul is-sena 2012, l-esponenti kien ikkuntatja lis-socjeta' rikorrenti diversi drabi fejn infurmaha illi hu xtaq jirritorna certu merkanzija, liema merkanzija hu ma kienx irnexxilu jbiegh u ghaldaqstant ma kellux bzonnha;
3. Is-socjeta' rikkorenti dejjem infurmat lill-esponenti illi hija dejjem kellha taghmel kuntatt mal-esponenti nnifsu sabiex taghmel l-arrangamenti ghat-tehid tal-merkanzija, izda qatt ma kkuntatjatu.
4. L-esponenti fil-fatt ghad ghandu fil-pusses tieghu din l-istess merkanzija, liema merkanzija kieku ingabret kif kien originarjament mifthiem kieku qatt ma giet ipprezentata din it-talba ghaliex il-kreditu dovut kien ikun gie valdat.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti.

Xehed Mario Bezzina missier il-konvenut spjega illi l-hanut kien jiehu hsiebu hu. Dan il-hanut ghalaq u l-ftehim mas-socjeta' attrici kien illi dak li ma jinbieghx ikun jista' jigi ritornat.

F'din il-kawza fl-4 ta' Novembru, 2014 intalab il-kjamat in kawza Mario Bezzina li ta' ruhu b'notifikat dak inhar stess.

Xehed Louis Camilleri li spjega illi s-socjeta' attrici lesta tiehu xoghol lura li ghadu jista' jinbiegh.

Filfatt il-konvenut irritorna xi xoghol lura u nhargu credit notes fl-ammont ta' mija u hdax-il ewro u erbgha u sittin centezmu (€111.64) u ohra fl-ammont ta' mija u erba' ewro u tlieta u erbghin centezmu (€104.43).

Ghalhekk it-Tribunal wara li jnaqqas dawn l-ammonti mill-ammont mitlub jilqa’ ita-talba attrici limitatament ghal ammont ta’ elf tlett mija u sitt ewro u ghaxar centezmi (€1306.10) u jikkundanna lill-konvenut u l-kjamat in kawza in solidum bejnithom ihallsu l-ammont ta’ elf tlett mija u sitt ewro u ghaxar centezmi (€1306.10).

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------